MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru 230/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**MARVIN VASSALLO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARVIN VASSALLO** ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Martin u Josephine xebba Camenzuli, imwieled gewwa l-Pieta' fit-28 ta' Gunju 1979, u residenti gewwa fond numru 49, Santa Maria, Triq Santu Wistin, Tarxien u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 309179(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2012 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija (10.30pm) gewwa dawn il-Gzejjer:

1. bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn fuq il-persuna ta' Rodiana Caruana, Jean-Claude Cassar u

Dailin Bennetti, wara dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Rodiana Caruana, Jean-Claude Cassar u Dailin Bennetti kontra l-volonta' taghhom;

3. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Rodiana Caruana, Jean-Claude Cassar u Dailin Bennetti biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu, zamm u/jew garr arma tan-nar (pistola) u/jew munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. talli fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta', kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (pistola) jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti.

Ghaldaqstant il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Marvin Vassallo b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-Artikolu 383 et sequitur tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni favur l-imsemmija Rodiana Caruana, Jean-Claude Cassar u Dailin Benetti u dan ai terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li tordna l-konfiska tal-arma w kif ukoll tal-munizzjon w kif ukoll tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu licenzja taht l-Att Dwar l-Armi ghall-perjodu ta mhux izjed minn hames snin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' okkorrenza, l-att tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali, l-istqarrija ta' l-imputat datata 27 ta' Frar 2012 u kunsens ta' l-Avukat Generali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-prezentata nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2012 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-lum nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2012 u dana fil-prezenza tal-avukati difensuri tieghu.

Il-Qorti rat illi f'dik l-istess seduta tat-28 ta' Frar 2012 giet nominat is-senior probation officeer Miriam Sevasta sabiex taghmel pre-sentencing report dwar l-imputat.

Rat illi fis-seduta ta' l-ghaxra (10) ta' Mejju 2012 l-istess probation officer ipprezentat ir-relazzjoni taghha li giet markata bhala dokument PSR.

Semghat ix-xhieda taghha moghtija seduta stante nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju 2012 fejn l-istess probation officer ikkonfermat illi l-imputat ikkopera bis-shih maghha waqt li hija kienet qed tirredigi dan ir-rapport u stqarret li hija hadet zewg kampjuni ta' l-awruni tieghu wahda minnhom

tat rizultat posittiv ghal presenza tad-droga kannabis waqt li t-tieni wiehed ta rizultat negattiv ghal presenza ta’ kull tip ta’ droga.

Ikkonfermat illi l-imputat ghandu impjieg stabbli mas-socjeta’ Polidano Brothers u ilu jahdem maghhiom b’mod regolari sa mis-sena 1999 bhala labourer u huwa izomm kuntatt regolari mal-Caritas. Tghid ukoll illi hi ghamlet kuntatt mal-vittmi u l-genituri taghhom u kienu aktar interessati illi l-imputat jinghata l-kura mehtiega flok ma jinghata kastig.

Dwar il-piena.

Il-Qorti qieset dak li gie sottomess mill-Probation Officer fir-rapport taghha u l-limitazzjoni mposta mill-ligi u cioe’ Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-piena li din il-Qorti tista’ terroga u cioe’ illi l-provedimenti tal-probation act u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhumiex applikabbli. Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat minn fejn irrizulta illi l-imputat ghandu problema ta’ abbuz tad-droga stante li ghandu gia zewg convictions f’dan ir-rigward u diga nstab hati ta’ xi reati kontra l-ordinanza tat-traffiku u ta’ attentat ta’ serq u ghalhekk il-Qorti thoss illi l-ordni tas-supervizjoni hija mehtiega sabiex izzomm lill-imputat kemm jista’ jkun il-boghod minn hajja kriminali.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikolu 41, 86, 251B, 261(a) (f), 262(b), 270, 533 tal-Kapitolu 9, Artikolu 5, 55, 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi li ssib lill-imputat MARVIN VASSALLO hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah komplessivament bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 17(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ tliet snin. Oltre dan tpoggi lill-istess imputat ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta taht is-supervizjoni ta’ supervision officer taht il-kundizzjonijiet annessi fid-digriet hawn anness.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-direttur tal-probation services sabiex jigi nominat kandidat idoneu sabiex jiehu hsieb is-supervizjoni ta' l-imputat ai termini tal-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservaha ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta illi jigi kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta iz-zewg bullets li gew esebiti l-Qorti mill-ufficjal prosekutur fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2012.**

**Il-Qorti tordna wkoll ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ma jottjeniex licenzja taht dan l-istess Kapitolu ghaz-zamma ta' arma u dan ghal perjodu ta' erba' snin mill-lum.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti rat li ma kien hemm l-ebda nomina f'dan ir-rigward u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------